MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 488/2014

**Anthony Cauchi (ID No: 425849M) bhala mandatarju ta' ibnu Colin Cauchi gia Scicluna (Numru tal-Passaport Malti 0958458)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Anthony Cauchi bhala mandatarju ta' ibnu Colin Cauchi gia Scicluna datat 4 ta' Gunju 2014 fejn espona: -

Illi r-rikorrent Colin Cauchi twieled nhar il-21 ta' Ottubru 1976 minn Myra Scicluna;

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata l-25 ta' Settembru 2013, Anthony Cauchi gharraf lir-rikorrent Colin Scicluna li huwa bi hsiebu jaghraf lill-istess Colin Scicluna bhala ibnu naturali u konsegwentement japplika mal-awtoritajiet kompetenti ghar-registrazzjoni relattiva tal-istess taghrif;

Illi permezz ta' nota datata s-7 ta' Ottubru 2013 prezentata fl-Atti tal-ittra ufficjali msemmija aktar 'il fuq, Colin Scicluna ddikjara li ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali taghrif biex b'hekk ikun hemm il-korrezzjoni necessarja fic-certifikat tat-twelid tieghu u minflok 'missier mhux maghruf' jitnizzlu l-konnotati ta' Anthony Cauchi;

Illi qed tigi esebita kopja legali tal-ittra ufficjali msemmija datata l-25 ta' Settembru 2013 li maghha hemm anness ukoll ic-certifikat tat-twelid ta' Colin Scicluna kif ukoll ic-certifikat tal-mewt ta' Myra Scicluna flimkien man-nota datata s-7 ta' Ottubru 2013 prezentata fl-Atti tal-istess ittra ufficjali (ara Dok. A);

Illi sussegwentement ghal tali proceduri, Anthony Cauchi gie rikonoxxut bhala l-missier naturali tar-rikorrent Colin Scicluna b'dan li kunjom ir-rikorrent Colin Scicluna issa nbidel ghal Colin Cauchi (ara Dok. B);

Illi tali rikonoxximent sar fi zmien meta l-istess Colin kien maggorenni u konsegwentement huwa maghruf ma' kulhadd bhala Colin Scicluna;

Illi *di piu'* ghandu kuntratti pubblici f' ismu bhala Colin Scicluna b'dan li anke l-eredita' ta' ommu Myra Scicluna tghajjat lilu bhala 'Colin Scicluna', bhala l-uniku eredi taghha;

Illi tul hajtu kollha (ghall-anqas sa ftit xhur ilu), Colin Cauchi kien konsistentement maghruf bhala Colin Scicluna *stante* li dan kien kunjomu ghas-snin kollha ta' hajtu (ghajr ghal dawn l-ahhar xhur);

Illi hija x-xewqa tar-rikorrent Colin Cauchi gia Scicluna li minkejja li jibqa' rikonoxxut u jkun ufficjalment imnizzel bhala iben Anthony Cauchi, jerga' jibdel kunjomu ghal Scicluna biex b'hekk, l-atti kollha relattivi tieghu jkunu konformi u jsejhulu bhala 'Colin Scicluna' u mhux 'Colin Cauchi'. Dan qieghed jinghad anke *in vista* tal-fatt li m'hijiex in-norma li rgiel maggorenni tal-eta' ta' Colin jibdlu l-kunjom u tali bdil jista' jwassal ghal numru ta' *misunderstandings* anke fejn jidhlu r-ricerki ufficjali tieghu kif ukoll l-atti pubblici li huwa resaq fuqhom bhala Colin Scicluna;

Ghaldaqstant, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1 Tiddikjara jekk hemm bzonn, illi r-rikorrent Colin Cauchi huwa fil-fatt maghruf konsistentement bhala "Colin Scicluna";

2. Tordna illi tali fatt jigi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' Twelid tieghu numru 5661 tas-sena 1976 billi tordna illi kunjom il-wild Colin, iben Anthony Cauchi jkun 'Scicluna';

3. Tordna illi tali fatt jigi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' Twelid tieghu numru 5661 tas-sena 1976 billi tordna illi:

(i) fil-kolonna intestata *"Annotozzjonijiet" jitnizzlu il-kliem "il-kunjom ghandu jkun 'Scicluna' billi dan huwa l-kunjom li huwo maghruf bih,* u

(ii) taghti kull direttiva ohra li jidhrilha xierqa u opportuni;

4. Tordna illi kull bidla ordnata bis-sahha ta' dina s-sentenza u in partikolari isem u kunjom ir-rikorrent u kif ghandu jissejjah jigu riflessi f'kull att ta' stat civili relattivi ghar-rikorrenti u fejn ikun il-kaz ghal uliedu u d-dixxendenti tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta’ Lulju 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Regsitru Pubbliku datata 4 ta’ Lulju 2014 (fol 21) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu, iddikjara u kkonferma dan li ġej:

1 Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b’ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi mingħajr ħsara għas-suespost, l-atturi għandhom jispeċifikaw taħt liema artikolu tal-liġi huma qiegħdin isejjsu l-azzjoni tagħhom ħalli b’hekk l-esponenti jkun f’qagħda aħjar li jkun jista’ jwieġeb. Kwindi f’dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti bil-permess ta’ din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li l-attur jindika taħt liema disposizzjonijiet tal-liġi qiegħed jorbot l-proċeduri istanti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva li mill-mod kif gie redatt ir-rikors promotur u l-kliem li gie uzat jidher li l-azzjoni odjerna hija ibbazata fuq l-artikolu 253 tal-Kap 16. Jekk huwa l-kaz l-esponent huwa tal-umli fehma li r-rikorrent setgha ghamel uzu mill-procedura imsemmija fl-artikolu 92(6) tal-Kap 16 li hija aktar adatta ghac-cirkostanzi tal-kaz pero` tali azzjoni kellha issir b’rikors quddiem **il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)** u mhux quddiem din l-Onorabbli Qorti.

4. Illi kuntrarjament ghal dak li gie mitlub fit-talba numru 2 tar-rikors guramentat tar-rikorrenti, fuq l-att tat-twelid ma hemm ebda kunjom fir-rigward tar-rikorrent li gie indikat u dan ghaliex fl-atti tat-twelid li saru

qabel is-sena 2005, ma kienx jigi indikat il-kunjom tat-tarbija izda biss l-isem. Illi l-kunjom li kien gie indikat huwa dak ta` missier ir-rikorrenti.

5. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent. Kwindi l-esponent m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2015 mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Abigail Critien ghar-rikorrent u Dr Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku. Dr. Critien iddikjarat li m' ghandhiex provi ulterjuri. Dr. Cordina gie mghoddi *seduta stante* kopja tal-affidavit ta' Colin Cauchi u tan-nota esebita mir-rikorrent u d-dokumenti relattivi. Dr. Cordina irrimetta ruhu ghall-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi skont dak dikjarat mid-difensur tar-rikorrent fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2014, din il-kawza giet intavolata a tenur tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili ta' Malta li jaghti d-dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni tal-atti tal-istat ċivili.

Illi d-debita pubblikazzjoni rikjesta mill-artikolu 254 tal-Kap 16 saret fit-13 ta' Gunju 2014 (Fol.20).

Permezz ta' din it-talba, Colin Cauchi qed jitlob li jibqa' maghruf bil-kunjom li dejjem uza, u cioe`, 'Scicluna', li hija kunjom ommu u mhux bil-kunjom ta' missieru 'Cauchi.'

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li Colin Cauchi twieled barra miz-zwieg minn missier mhux maghruf nhar il-21 ta' Ottubru 1976 (fol.8). Ommu kienet Myra Scicluna u b'hekk kien maghruf bil-kunjom matern li huwa Scicluna. Sussegwentement in segwitu ghall-proceduri inzijati b'ittra ufficjali datata nhar it-13 ta' Settembru 2013 Colin Scicluna gie mgharraf mill-missier naturali Anthony Cauchi. Dan kollu jirrizulta mill-atti esebiti u mic-certifikat tat-twelid esebit bhala **DOK B** (fol.11). Colin Scicluna ghalhekk kellu jiehu kunjom missieru skont il-Ligi. (**art.92 tal-Kap.16).**

Ir-rikonoxximent sehh meta r-rikorrent kien maggorenni, fl-eta ta' circa 37 sena, u fejn kien gja ha l-istat tieghu fis-socjeta'. Qabel ma gie rikonoxxut minn missieru, ir-rikorrent dejjem kien maghruf bil-kunjom

Scicluna, kemm fil-hajja socjali u fid-dinja tax-xoghol. Ir-rikorrent esebixxa kopji ta' diversi dokumenti ufficjali in sostenn tal-fatt premess li kien maghruf konsistentement bil-kunjom Scicluna.

Illi l-intimat Direttur irrimetta ruhu ghall-provi permezz ta' dikjarazzjoni verbalizzata fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2015. Effettivament din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju dwar il-veracita' tal-fatti dikjarati mir-rikorrent, sorretti b'affidavits u bid-dokumenti esebiti. *Inoltre* l-legislatur stess ikkontempla d-diffikultajiet prattici li jistghu jinqalghu meta persuna tkun gja lahqet l-eta` maggorrenni u tigi rikonoxxuta mill-missier naturali tant li ppermetta li l-persuna hekk rikonoxxuta tista' tigi awtorizzata tkompli tuza l-kunjom li dejjem kienet maghrufa bih. (Artikolu 92(6) tal-Kodici Civili).

Ghall-korrettezza, jinghad li talbiet li jsiru skont l-artikolu 92(6) jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) b'effett tal-L.N.9 tas-sena 2004. Madanakollu ma hemm l-ebda dubbju li t-talba odjerna hija wkoll fil-kompetenza ta' din il-Qorti. Ir-regolament 8 tal-Avviz Legali imsemmi jipprospetta riferenza lill-On. Prim'Imhallef "*meta jkun hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk kaz ghandha tigi assenjata lil xi Sezzjoni wahda jew ohra tal-Qorti Civili, jew meta kawza tkun tinvolvi iktar minn kategorija wahda skont ma ghandhom jigu assenjati lil Sezzjonijiet differenti tal-Qorti Civili."* Fil-kaz odjern dan in-nuqqas ta' qbil gie sorvolat u mhux il-kaz li ssir din ir-riferenza billi l-kwistjoni sollevata ma tinvolvix aktar minn kategorija wahda.

Riferibbilment ghat-tieni talba attrici, din il-Qorti taqbel ma’ dak sollevat mill-intimat fir-raba' eccezzjoni tieghu in kwantu li l-att fih innifsu ma jistax jigi korrett kif mitlub billi fuq l-att tat-twelid ma hemm ebda kunjom indikat bhala kunjom tat-tarbija. Dan hu l-kaz ghal dawk l-atti tat-twelid li

gew registrati qabel is-sena 2005, bhal ma hu l-kaz odjern. Konsegwentement jistghu biss jigu ordnati annotazzjonijiet appoziti.

Dwar il-kap tal-ispejjez, dawn ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent billi t-talba odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas jew zball da parti tal-intimat Direttur.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat in kwantu u sa fejn huma inkompatibbli ma' din is-sentenza, tiddisponi mit-talbiet attrici skont dan li gej:

1 **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara illi r-rikorrent Colin Cauchi huwa fil-fatt maghruf konsistentement bhala "Colin Scicluna";

2. **Tichad** it-tieni talba ghall-motivi spjegati billi ser tipprovdi ghall-annotazzjoni opportune.

3. **Tilqa'** t-tielet talba u tordna illi tali fatt dikjarat jigi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' Twelid tieghu numru hamest elef, sitt mija u wiehed u sittin (5661) tas-sena 1976 billi tordna illi:

(i) fil-kolonna intestata *"Annotozzjonijiet" jitnizzlu il-kliem "il-kunjom ghandu jkun 'Scicluna' billi dan huwa l-kunjom li huwa maghruf bih.*

4. **Tilqa'** r-raba’ talba u tordna illi kull bidla ordnata bis-sahha ta' dina s-sentenza u in partikolari isem u kunjom ir-rikorrent u kif ghandu jissejjah jigu riflessi f'kull att ta' stat civili relattivi ghar-rikorrent u fejn ikun il-kaz ghal uliedu u d-dixxendenti tieghu.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta* li** kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------